**12 ta' Lulju, 1965**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Joseph Gatt

*versus*

Joseph Galea

## Eċċezzjoni ta' nullità — Art. 1270 Kodiċi Ċivili

*L-Imħallef Ċivili għandu fl-għoti tas-sentenzi f'kawża joqgħod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, min-naħa l-oħra ma jistax, fit-tratta u jissolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx, a meno che non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat li jirrileva "ex officio".*

*Hu deżiderabbli illi meta dan jista jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u d-disposizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża, jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż u għas-skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati.*

*Hi kuntrarja għall-kliem ċar tal-art. 1270 tal-Kodiċi Ċivili, kull distinzjoni bejn kawża ta' rexissjoni u oħra u kull distinzjoni bejn nullità espressament komminata mil-liġi, u nullità virtwali minħabba nuqqas ta' xi kondizzjoni essenzjali għall-validità tal-kuntratt.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi l-konvenut ħabat bil-motorcar tal-instanti Zodiac numru 24295, waqt li l-istess car kienet taħt il-kontroll tal-istess konvenut u minnu misjuqa, u premess illi l-instanti mħabba f'hekk sofra danni konsistenti fl-ispejjeż għat-tiswija tal-ħsara li ġarrbet dik il-motor car u fit-telf ta' qliegħ mill-kiri tal-istess car għaż-żmien li damet tissewwa ammontanti għal ħamsa u tmenin lira (£85), u premess illi l-konvenut obbliga ruħu li jħallas dawk id-danni — talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-istanti l-imsemmija somma ta' ħamsa u tmenin lira (£85) jew kull somma oħra li tiddetermina l-Qorti, in linea ta' danni li l-instanti sofra minħabba li l-motor car tiegħu fuq indikata ġiet maħbuta mill-konvenut, konsistenti l-istess danni fit-tiswijiet u telf ta qliegħ mill-kiri tal-istess motor-car; bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-tmintax ta' Gunju, 1964, u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali u tal-mandat ta' qbid tat-tlettax ta' Awissu, 1964, kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa (1) illi l-ammissjoni li huwa għamel li jħallas id-danni saret immedjatament wara l-inċident u l-kunsens tiegħu kien invalidat mill-biża, mix-xokk (shock) tal-mument u minn perċezzjoni żbaljata tar-realta tal-affarijiet; (2) illi l-inċident ġara b'tort ta' l-attur in parti u in parti "per puro caso"; (3) subordinatament u mingħajr preġudizzju illi l-"quantum" tad-danni huwa esaġerat.

Rat il-verbal tat-tlettax ta' Frar, 1965 li minnu jirrizulta illi, mistoqsi mill-Qorti biex jeluċida l-kliem "perċezzjoni sbaljata tar-realta ta' l-affarijiet",

fl-ewwel eċċezzjoni, l-Avukat tal-konvenut issottometta illi s-sinjifikat tagħhom huwa; "żball tal-liġi u tal-fatt".

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tnejn u għoxrin ta' Marzu 1965, li biha ordnat is-soprasseassjoni f'dina l-kawża, u tat lill-konvenut ħmistax il-ġurnata żmien biex, jekk jidhirlu, jiddeduċi l-azjoni relativa għall-invalidita tal-obbligazzjoni ossia ammissjoni tiegħu li jħallas id-danni, u għalhekk ħalliet il-kawża "sine die", rijappuntabili b'rikors ta' waħda mill-partijiet, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li tiġi proposta, spejjeż riservati, wara li kkunsidrat:

Illi bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut qiegħed jikkontesta l-validita tal-obbligazzjoni minnu assunta verbalment li jħallas id-dannu konsegwenti għall-ħabta li sofriet il-karrozza ta' l-attur minnu misjuqa.

Skond l-Art. 1017 tal-Kodiċi Ċivili: "jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza jew b'egħmil dolus ma jkunx jiswa". Kif ġie drabi oħra deċiż mill-Qrati tagħna, il-kliem "ma jkunx jiswa" f'dan l-artikolu ma għandhomx l-istess sinjifikat tal-kliem "ikun null". Jekk il-kunsens ikun viżjat, a termini tal-imsemmi artikolu, l-att ikun invalidu imma mhux anke null. Jekk hemm viżju tal-kunsens, bħala konsegwenza jkun viżjat il-kuntratt bażat fuq dak il-kunsens, u l-viżju jagħti lok għall-azzjoni ta' nullita li in segwitu għaliha l-kuntratt għandu jaqa. Pero l-kuntratt ma jkunx inezistenti, imma biss annullabbli, għaliex l-iżball, il-vjolenza u l-egħmil dolus ma jimpedux l-eżistenza tal-kunsens. Mentri l-att null ma eżista qatt, l-att annullabili jseħħ sakemm ma' jiġix imħassar.

Dan huwa l-insenjament tal-Baudry-Lacantinerie, Trattato di Diretto Civile, Delle Obbligazioni Vol. I para 98

li jgħid in propositu: "Allorche la violenza presenta i caratteri indicati dallo articolo 1112 (Cod. Civ. it. art. 1112), vizia il consenso e quindi li contratto di cui è base. Pertanto esso genera un'azione di nullita, in seguito alla quale il contratto deve cadere. Il contratto, notiamolo, non è inesistente, ma soltanto annullabile, poiche la violenza non impedisce al consenso d'esistere ed al contratto di formarsi . . . Le proposizioni contenute in questo testo o di cui si suppone l'esistenza non sono speciale alla violenza. Esse si applicano pure all'errore e al dolo." (ara wkoll P.A. Anthony Joseph Bajada vs. Pauline Lumb 15.12.1952, Kollez. Vol. XXXVI, II 585, Maria Tabone vs. Maria Vincenza Mifsud, et 15.2.1954, Vol. XXXVIII, I, 51, u App. Elena Agius vs. Giuseppe Cianco, noe. 3.2.1936 Vol. XXIX, I, 452).

Skond l-art. 1270 tal-Kodiċi Ċivili, "l-eċċezzjoni ta' nullita tista, f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu sata jaġixxi għar-rexissjoni."

Il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati Tagħna (inklusi s-sentenzi fuq riferiti) stabbiliet, rigward dan l-artikolu, illi meta si tratta ta' nullita din tista tiġi sollevata permezz ta' eċċezzjoni, imma meta si tratta ta' annullabilita, din tista' tinġieb 'il quddiem biss b'azzjoni "ad hoc".

Hekk fil-kawża Col. John L. Francia nomine vs. Francesco Vassallo, pro et noe. .et deċiża minn din il-Qorti fit-tletin ta' Ġunju, 1930, (Vol. XXVII II, 262) u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-tlieta u għoxrin ta' Marzu, 1931, ġie deċiż li "una nullita . . . non espressamente comminata dalla legge e non succedente ipso jure si deve proporre per via di azione e non di eccezione, siccome dette disposizione contenuta nel citato articolo 934 della Ordinanza No. VII del 1868" (Art. 1270 tal-Kodici Civile) "avente

per oggetto di elevare ad espresso disposto legislativo la regola 'temporalia ad agendum sunt perpetua ad excipiendum,' non puo essere, ragionevolmente, intesa nel senso che qualunque nullita possa venire proposta in via di eccezione" (ara wkoll P. A. Agius vs. Dr. Frendo 15.3.1876 Vol. VII 549; P. A. Vella vs. Grixti 28.3.1893 Vol. XIII p. 571; P. A. Attard vs. Attard 28.1.1897 Vol. XVI, II, 2 Appell Rutter vs. Philips 13.1.1926).

Għaldaqstant l-allegazzjoni tal-konvenut, kontenuta fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ma tistax tiġi sollevata b'eċċezzjoni imma b'azjoni.

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-attur li biha qal illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hi ġusta u jistħoqqilha konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-ilment ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata hu l-ewwelnett illi — kif hu esprima ruħu fil-petizzjoni — "il-prinċipju regolatur fil-kwistjoni għandu jkun dak ta' l-ekonomija tal-ġudizji: l-interpretazzjoni mogħtija f'dik is-sentenza ġġib illi eċċezzjoni f'kawża toħloq oħra inutilment, billi d-diffikulta li toħloq eċċezzjoni f'kawża hi parti integrali minn dik il-kawża u m'għandhiex iġġib il-konklużżjoni illi dik id-diffikolta għandha tiġi trasferita għal kawża oħra."

Sintendi din il-Qorti, in linea ta' massima, tissimpatiz-

za għal kollox ma din is-sottomissjoni, partikolarment fil-każ preżenti fejn il-kwistjoni deċiża bis-sentenza appellata anqas ġiet sollevata mill-partijiet, iżda ġiet imqajma mill-istess Qorti. Ġa f'okkażżjonijiet oħra din il-Qorti s-senjalat il-prinċipju magħruf illi l-Imħallef Ċivili għandu, fl-għoti tas-sentenzi f'kawża, joqgħod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, min-naħa l-oħra ma jistax, jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżżjoni tiegħu, a meno che non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat li jirrileva ex officio. Fil-każ preżenti l-"ordni pubbliku" ma kienx fil-fehma tal-Qorti, bl-ebda mod involut. Naturalment hu ovvju — kif din il-Qorti rrilevat fil-kawża "Sammut vs. Shaw Brown" (App. Civ. 3.4.1964) — illi hu żball li jinħaseb illi, għaliex il-liġi ta' proċedura hi liġi pubblika, ergo kull eċċezzjoni ta' proċedura, anki stess meta hemm lok għaliha, għandha tiġi rilevata mill-Qorti 'ex officio'. Fil-każ preżenti din il-Qorti jidhrilha bir-rispett illi l-kwistjoni anqas kien hemm lok għaliha, apparti illi, fi kwalunkwe każ, ma kienetx sollevabbli 'ex officio'.

Kif din il-Qorti qalet fil-kawża "Santucci vs. Mizzi" (App. 12.12.1958) u rripetiet fil-kawża "Mifsud vs. Mifsud" (App. 15.5.1959) "Bħala regola ġenerali huwa ċertament deżiderabbli illi meta dan jista' jsir kompatabilment mar-regoli proċedurali u d-disposizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijet f'kawża, jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż u għas-skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati." Jista jkun hemm każijiet fejn tista' tkun meħtieġa skond il-liġi azzjoni separata, partikolarment per eżempju, meta l-kwistjoni tinteressa anki persuni li ma jkunx fil-kawża: iżda l-każ pre-

żenti mhux wieħed minnhom.

Il-fatti tal-kawża, rilevanti għall-kwistjoni, huma dawn:

L-attur jippretendi illi l-konvenut ikkaġunalu ħsara f'karrozza tiegħu u li obbliga ruħu li jħallas dawk id-danni. Peress illi, kif allega l-attur, il-konvenut naqas li jħallas, hu qed jitlob li jiġi kkundannat li jħallas dawk id-danni. Fi kliem ieħor l-attur qed jitlob li l-konvenut jeżegwixxi l-ftehim li għamel miegħu għall-ħlas.

Il-konvenut eċċepixxa illi l-ammissjoni li hu għamel li jħallas id-danni "saret immedjatament wara l-inċident u l-kunsens tiegħu kien invalidat mill-biżgħa, mis-'shock' tal-mument u minn perċezzjoni żbaljata tar-realtà ta' l-affarijiet." Mitlub mill-ewwel Onorabbli Qorti biex ifisser aħjar il-portata legali ta' l-eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut spiega illi l-kunsens tiegħu għal dak il-ftehim kien invalidu għax dovut għal "żball tal-liġi u tal-fatt.".

Il-kwistjoni għall-mument mhix jekk l-eċċezzjoni tal-konvenut hiex fondata fil-meritu jew sostenibbli skond il-liġi, iżda biss jekk hu satax iqajjem dik il-kwistjoni tan-nullità tal-ftehim minħabba l-allegat vizzju tal-kunsens bħala eċċezzjoni f'din il-kawża inkellha hux obbligat li jagħmel azzjoni separata.

L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi l-konvenut ma satax jagħti l-eċċezzjoni f'din il-kawża u pperiżżgħetlu żmien biex, jekk jidhirlu, jiddeduċi l-azzjoni relattiva. Dak il-Qorti irriteniet li skond l-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna rigward l-artikolu 1270 tal-Kodiċi Ċivili, il-kwstjoni tista' tiġi sollevata b'eċċezzjoni meta si tratta ta' nullità; imma meta si tratta ta' annullabbiltà, din tista'

tinġieb il-quddiem biss b'azzjoni "ad hoc". Issa, fil-każ preżenti, — qalet dik il-Qorti — il-kwistjoni ma hijiex waħda ta' nullita ta' l-ftehim allegat mill-attur, għaliex meta l-kunsens ikun vizzjat, il-kuntratt ikun sempliċement invalidu imma mhux anki null: il-kuntratt ma jkunx ineżistenti, imma biss annullabbli. In sostenn ta' dawn il-veduti l-ewwel Qorti iċċiċtat diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li, aktar il-quddiem, din il-Qorti ser teżamina brevement.

Issa m'hemmx dubju illi diversi awturi franċiżi u taljani, għalkemm ħafna drabi b'diversita ta' lokuzzjoni li toħloq inċertezzi u konfusjoni anki bejniethom, sostnew illi għandha ssir distinzjoni bejn l-atti jew kuntratti ineżistenti u l-atti jew kuntratti sempliċement nulli, jew invalidu, jew annullabbli. Fost l-awturi franċiżi jistgħu jissemmew il-Laurent u l-Baudry-Lacantinerie. Skond il-Laurent, għalkemm il-Kodiċi jqiegħed l-erba' kondizzjonijiet essenzjali għall-validita ta' kull konvenzjoni (ċioe il-kunsens, il-kapaċita, l-oġġett u l-kawża) fuq l-istess linja, fid-dottrina ġeneralment isiru distinzzjonijiet: tlieta minn dawk il-kondizzjonjiet huma rikjesti għall-eżistenza u huma l-kunsens, l-oġġett u l-kawża, mentri r-raba waħda, ċioe il-kapaċita hi rikjesta biss għall-validita, ta' kuntratt. Rigward il-kunsens, pero hu jkompli jiddistingwi. Hemm ineżistenza tal-kuntratt meta l-kunsens jonqos għal kollox: imma meta l-kunsens hu biss vizzjat minħabba żball, jew vjolenza jew dolo l-kuntratt hu sempliċement null jew annullabbli: "i vizi del consenso, quali che essi siano, errore, violenza o dolo, non rendono nulla di pieno diritto la convenzione, ma danno soltanto luogo ad una azione di nullita, mentre che la mancanza del consenso fa si che non v'ha contratto (Vol. XV §453).

Bejn wieħed u ieħor l-istess hi d-dottrina tal-Baudry

*Lacantinerie. (Obbligazzjoni Vol. I §26 et seq., Vol. III* §1929 et seq).

Fost l-awturi taljani li jsostnu d-distinzjoni bejn l-atti ineżistenti u l-atti nulli biżżejjed jissemma l-Pacifici Mazzoni. Fit-teorija ta' dan l-awtur l-att ineżistenti huwa "nullo in senso proprio" mentri l-att semplicement invalidu huwa "nullo in senso improprio o annullabile." (Istituz. Vol. II §159 et seq.).

Id-distinzzjoni bejn atti jew kuntratti ineżistenti ossija nulli f'sens proprju u atti jew kuntratti sempliċement annullabbli tidher li ġiet aċċettata f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, u **għall-finijiet ta' din il-kawża** din il-Qorti ser tassumi illi, anki fil-liġi tagħna, din id-distinzjoni teżisti u dan ankorke, in rigward ta' kodiċijiet oħra d-distinzjoni ġiet ibbażata fuq disposizzjonijiet li għalihom m'hemmx disposizzjonijiet *korrispondenti jew hemm disposizzjonijiet differenti* fil-Kodiċi Ċivili tagħna. Senjatament b'riferenza għad-dottrina franċiża ta' awturi bħal Laurent u l-Baudry Lacantinerie hawn fuq imsemmija, fis-sens illi l-vizji talkunsens jimportaw biss annullabbilita u mhux nullita vera u proprju tal-kuntratt, il-Qorti, għall-mument, tixtieq tirrileva biss illi dik id-dottrina kienet tirrifletti test tal-Kodiċi Franċiż li kien jgħid: "La convenzione contratta per errore, violenza, o dolo non e nulla ipso jure; ma essa da' luogo soltanto ad agire per la nullita o rescissione nei casi e nei modi espressi nella sezione settima del capo quinto del presente titolo." (art. 1117): disposizzjoni dina li bħala ma hemmx fil-Kodiċi tagħna.

Imma, kif ġa ngħad, dan mhux il-każ li fih din il-kwistjoni għandha bżonn tiġi ulterjorment diskussa u definita. Għal finijiet ta' din il-kawża dak li l-Qorti bi ħsiebha turi hu *illi anki stess, in bażi għal dik d-dottrina, d-deċiżżjoni*

ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ma' tistax issehh. Din il-Qorti hi ta' fehma bir-rispett illi l-konsegwenza li ngibdet minn dik id-dottrina, fis-sens illi skond l-artikolu 1270 tal-Kodiċi Ċivili il-konvenut jista' jiddifendi ruhu b'eċċezzjoni fil-kas biss illi n-nullita akkampata minnu timporta inesistenza ta' l-obbligazzjoni, mentri jekk si tratta biss ta' nullita fis-sens ta' invalidita hu jista' jimxi biss b'azzjoni separata "ad hoc", hi nfondata u kuntrarja ghad-disposizzjoni espressa tal-liġi.

L-ewwelnett dik il-konsegwenza ma tidher li ghandha ebda sostenn fl-istess dottrina estera li tirrikonoxxi d-distinzjoni bejn l-ineżistenza u l-invalidita ta' l-obbligazzjonijiet u difatti ebda dottrina ma ġiet qatt ċitata favur taghha fis-sentenzi kollha li sostnew dik il-konsegwenza. Il-ġurisprudenza li sostnietha tidher li bdiet bis-sentenza Vol. VII p. 549. F'dik is-sentenza ntqal illi "l-idea predominante dell'articolo 934 dell'Ordinanza No. VII del 1868 (issa art. 1270 Kodiċi Ċivili), è certamente quella di elevare la regola di diritto comune — temporalia ad agendum sunt perpetua ad excipiendum — ad una espressa disposizione patria, e non certament quella di sanzionare che tutte le specie di nullità si possono proporre in via di eccezione." F'dik il-kawża in-nullita akkampata ma kellha xejn x'taqsam ma nullita derivanti min-nuqqas ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali rikjesti mil-liġi ghall-validita tal-kuntratti, iżda fis-sentenza ġie ritenut b'mod ġenerali illi n-nullitajiet jistghu jiġu sollevati b'eċċezzjoni biss "quando fossero espressamente pronunciate dalla legge, cioe ipso jure."

Issa din il-Qorti jidhrilha illi, ghalkemm ċertament jista' jkun veru illi mill-art. 1270 ma ghandux jiġi argumentat illi kull xorta ta' nullita tista' tiġi akkampata mill-konvenut b'eċċezzjoni, minn dana ma jsegwix, kif ġie nterpretat f'xi sentenzi posterjuri illi, in-nullita ta' kuntratt min-

ħabba nuqqas ta' xi waħda, hi liema hi, mill-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-validità tal-kuntratti, ma tistax, skond dak l-artikolu tiġi opposta mill-konvenut permezz ta' eċċezzjoni jekk ikun jirrikorru l-kondizzjonijiet l-oħra kontemplati f'dak l-artikolu.

Fil-verita mis-sentenzi kollha ċitati fis-sentenza appellata, jidher illi tnejn biss huma verament rilevanti għal din il-kwistjoni ċioe dik Vol. XXXVI, II, 585 u dik Vol. XXXVIII, I, 51.

Fil-każ riportat Vol. XVI, II, 2 l-eċċezzjoni eċċepita kienet dik ta' simulazzjoni, u l-Qorti rrifjutat li tiddeċidha f'dik il-kawża l-ewwelnett għax irriteniet illi ma kienx jirrikorri l-każ kontemplat fl-artikolu 1270 Kod. Ċiv. ċioe ta' konvenut "per l'esecuzione di un contratto del quale avrebbe avuto il diritto di domandare la rescessione" u t-tieni nett għaliex, in basi għas-sentenzi ġa msemmija Vol. VII p. 549 u Vol. XIII p. 571, in-nullita eċċipita ma kienetx espressament komminata mil-liġi. (Appropożitu ta' din issentenza forsi jista' jiġi rilevat illi l-ġurisprudenza l-aktar riċenti tirritjeni illi s-simulazzjoni tista' tiġi dedotta in via ta' eċċezzjoni: (ara App. Ċiv. "Mifsud vs. Mifsud" 15.5.1959 u s-sentenzi u l-awtoritajiet ċitata fiha).

Anqas fis-sentenzi Vol. XXVII, II, 262 u Vol. XXIX, I, 452 in-nullita eċċipita ma kienet formalment bażata fuq innuqqas ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali għallvalidita tal-kuntratt u li għalihom il-liġi espressament tagħti l-azzjoni ta' rexissjoni, bħal ma hu l-vizzju tal-kunsens minħabba żball. Fl-ewwel każ in-nullita eċċipita kienet ibbażata fuq il-fatt allegat illi l-att in kwistjoni kien sar fi żmien viċin għall-interdizzjoni u għalhekk skond il-liġi "sata jiġi annullat." Il-Qorti rriteniet illi non si trattava, fil-każ, ta' nullita espressament komminata mil-liġi u li

kwindi tissuċċedi 'ipso jure', iżda biss ta' att annullabbili fil-każ li kienu jirrikorru ċ-ċirkostanzi kontemplati mil-liġi; dik in-nullita setgħat għalhekk — qalet il-Qorti — tiġi proposta b'azzjoni u mhux b'eċċezzjoni. Fit-tieni każ l-eċċezzjoni kienet fis-sens illi l-kuntratt kien sar minn konfraternita magħha n-nifisha u ma kienx hemm għalhekk id-"duorum vel plurium in idem placitum consensus": il-Qorti rriteniet illi f'dak il-każ, jekk il-fatt allegat kien veru, il-kuntratt kien ineżistenti jew null f'sens assolut u l-kwistjoni setgħat għalhekk titqanqal fl-istess kawża permezz ta' kontroeċċezzjoni mogħtija mill-attur. Forsi ta' min josserva illi f'din is-sentenza, għad illi l-Qorti qalet li kienet tapprova u qiegħda ssegwi l-ġurisprudenza li rriteniet illi meta l-kwistjoni hija ta' nullita espressament komminata mil-liġi l-konvenut f'kawża jista' jqajjimha b'eċċezzjoni, mentri jekk hija waħda ta' annullabilita hu ma jistax iġibha l-quddiem ħlief b'kawża separata 'ad hoc', fil-fatt in-nullita li f'dak il-każ stess il-Qorti rriteniet li setgħat titqajjem b'eċċezzjoni (jew kontro-eċċezzjoni) ma tinsab imkien "espressament komminata mil-liġi", iżda hu deżummibbli biss mill-prinċipju ġenerali. Ta min josserva wkoll illi f'dik is-sentenza jingħad testwalment dan il-kliem li ġej, ċioe: "**Jekk huma nulli f'sens assolut dawk il-kuntratti li fihom jonqos xi wieħed mir-rekwiżiti jew mill-elementi essenzjali skond il-liġi**, kemm aktar u aktar huma mela dawk li jonqoshom l-ewwel formalita, id-"duorum vel plurium in idem placitum consensus". Il-kliem sottolineat ma' jidherx li jista' jfisser ħag'oħra ħlief illi, fil-fehma ta' dik il-Qorti, kuntratt li fih jonqos wieħed, hu liema hu, mir-rekwiżiti jew elementi essenzjali skond il-liġi (u dawn huma, in ġenerali, il-kapaċita, il-kunsens, l-oġġett u l-kawża) huwa null f'sens assolut: jekk dan ifisser hekk, allura — apparti mill-fatt illi dik il-

ġeneralizzazzjoni ma tantx tidher li hi konsistenti mad-dottrina li l-Qorti qalet li kienet tapprova, tad-distinzjoni bejn atti ineżistenti u atti sempliċement nulli — il-konklużjoni li għandha tinġibed minnha ma hix favorevoli għall-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti f'din il-kawża iżda kuntrarja għaliha.

Kif ġa ntqal aktar il-quddiem, l-aktar li huma direttament rilevanti għal din il-kawża huma s-sentenzi Vol. XXXVI, II 587 u Vol. XXXVIII, I, 51. It-tnejn huma sentenzi ta' prim'istanza, għaliex għalkemm it-tieni waħda ġiet konfermata fl-appell, is-sentenza ta' din il-Qorti ma okkupat ruħha bl-ebda mod fuq il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-kwistjoni li qed tiġi issa diskussa. Fiż-żewġ kawżi l-eċċezzjoni kienet illi l-kuntratt kien null minħabba li l-kunsens kien ġie ottenut bi vjolenza: il-Prim'Awla rriteniet illi skond il-liġi, f'każ ta' vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza, il-kuntratt huwa "invalidu" imma mhux ukoll "null": l-artikolu 1017 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi, l-kunsens meħud bi vjolenza "ma jkunx jiswa" (fit-test ingliż "shall not be valid" u fit-test antik taljan "non è valido"): dan il-kliem, qalet dik il-Qorti — mhux ekwipollenti u ma jfisserx l-istess ħaġa bħall-kelma "null", għax kieku l-leġislatur ma kienx juża kultant l-espressjoni l-waħda u kultant l-oħra, kif għamel per eżempju fl-artikolu 1009 fejn uża l-kelma "null". Skond id-dottrina — issokta jingħad f'dik is-sentenza — 'l vjolenza tivvizja l-kunsens u tiġġenera azzjoni ta' nullità: iżda l-kuntratt mhux ineżistenti iżda biss annullabili. Għalhekk — ikkonkludiet il-Qorti — skond il-ġurisprudenza, innullità minħabba vjolenza ma tistax tiġi sollevata b'eċċezzjoni u ma tistax titqajjem ħlief b'azzjoni.

Dan ir-raġonament ġie segwit mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-każ preżenti, peress illi dehrilha li dak li jgħodd għall-"vjolenza", jgħodd xorta waħda għall-"iżball".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif ġa ntqal, il-kwistjoni tad-distinzjoni bejn ineżistenza u nvalidita ma għandha ebda rilevanza għall-finijiet ta' l-artikolu 1270 tal-Kodiċi Tagħna u l-konklużżjoni raġġunta fil-każ preżenti li fiż-żewġ sentenzi l-oħra li fuqhom hi l-aktar ibbażata, hi opposta għall-istess kliem ċar ta' dak l-artikolu.

L-artikolu jgħid illi "l-eċċezzjoni ta' nullita tista, f'kull żmien, tiġi mogħtija minn min ikun imħarrek għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu sata jaġixxi għar-rexessjoni.

Forsi ta' minn jirrileva qabel xejn illi l-liġi tagħna, għad-differenza ta' xi kodiċijiet oħra, ma tiddistingwix bejn azzjoni ta' nullita u azzjoni ta' rexissjoni kif tiddistingwi wkoll id-dottrina. Skond dawk il-kodiċijiet u dik id-dottrina *hemm lok għall-ewwel waħda meta l-att jonqos minn xi* wieħed mill-elementi essenzjali għall-validita tiegħu, sew jekk in-nullita hi komminata mil-liġi espressament (nullita testwali) sew jekk tirriżulta virtwalment (nullita virtwali). Hemm lok għat-tieni waħda meta l-att għalkemm fih in-nifsu validu, hu b'dana kollu leżiv ta' waħda mill-partijiet.

Il-leġislatur tagħna ma segwix dan is-sistema u d-definixxa bħala domanda ta' rexissjoni tant il-mezz ġuridiku li bih tiġi proposta n-nullita ta' att kemm dak li bih jintalab ix-xoljiment. Ir-rexissjoni hi mezz ġuridiku u għalhekk jissoponi neċessarjament id-domanda ta' mingħandu nteress dedotta sew b'azzjoni meta l-kuntratt ikun ġa eżegwit, sew b'eċċezzjoni min min hu konvenut għall-eżekuzzjoni tiegħu.

Issa skond l-artikolu 1255 hemm lok għar-rexissjoni kull meta ftehim hu nieqes minn xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun validu, jew il-liġi tiddikjara li hu null. F'dawn il-każijiet kollha, meta, min hu konvenut

għall-eżekuzzjoni tal-ftehim, jista' jissolleva **l-eċċezzjoni** tan-nullita tal-ftehim. Jekk il-każ hu wieħed li fih il-konvenut sata **jaġixxi għar-rexissjoni,** hu jista, jekk imħarrek għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, **jeċċepixxi** in-nullita tiegħu. Sintendi dan l-artikolu 1270 tal-Kodiċi jista' jagħti lok għall-kwistjonijiet oħra, iżda dawn m'humiex rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża, u biss illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, hi kuntrarja għall-kliem ċar tal-liġi, kull distinzzjoni bejn kawża ta' rexissjoni u oħra u kull distinzjoni bejn nullita espressament komminata mil-liġi u nullita virtwali minħabba nuqqas ta' xi kondizzjoni essenzjali għall-validita tal-kuntratti. Jekk skond il-liġi, vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza, jew żball jew qerq jagħti lok, kif indubbjament jagħti fil-każijiet kongrui, għall-rexissjoni, (art. 1266-1267 Kod. Ċiv.) allura l-konvenut, imħarrek għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt vizzjat b'dak il-mod, għandu d-dritt jeċċepixxi n-nullita tiegħu. Il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni għall-finijiet ta' din r-regola bejn kondizzjoni waħda essenzjali għall-validita tal-kuntratt u kondizzjoni oħra u ma tillimita bl-ebda mod dik ir-regola għal dawk il-kondizzjonijiet biss li, skond id-dottrina, jimportaw "inesistenza" tal-kuntratt: anzi kieku r-regola kellha tiġi limitata għall-każijiet ta' "ineżistenza" biss, dan kien iwassal għal assurd, għax rigward attijiet "ineżistenti" — (skond id-dottrina u mhux neċessarjament **skond il-Kodiċi tagħna**) — anqas suppost hemm lok għall-azzjoni ta' **rexissjoni.**

M'hemmx għalhekk ebda fondament fl-argument illi għar-rigward tal-kunsens mogħti bi żball jew estort bil-vjolenza jew prokurat b'qerq, il-liġi tgħid li "ma jkunx validu" u ma tgħidx illi "jkun null". Il-fatt hu illi l-kunsens hu rekwiżit essenzjali għall-validita tal-kuntratt u jekk dan hu vizzjat hemm lok għar-rexissjoni (art. 1266 Kod. Ċiv.) u jekk hemm lok għar-rexissjoni hemm lok għall-eċċezzjoni

tan-nullita jekk il-kuntratt għad ma ġiex eżegwit u l-konvenut hu ċitat għall-eżekuzzjoni tiegħu: hekk espressament jgħid l-art. 1270.

Għal dawn il-motivi u bla ma tidħol ulterjorment f'kunsiderazzjonijiet oħra li ma' jidhrux neċessarji għall-finijiet tal-kawża, il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara illi l-eċċezzjoni tal-konvenut setgħet u messha tiġi kunsidrata u deċiża f'din il-kawża u għal dan il-fini u għall-kontinwazzjoni tal-kawża tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti.

L-ispejjeż minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-appellat.